

Paġna ewlenija>Drittijietek>Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Spanja

L-Artikolu 12 tal-Kostituzzjoni Spanjola stabbilixxa l-età maġġuri tal-Ispanjoli bħala ta' 18-il sena. Fi Spanja, il-minuri/it-tfal huma kkunsidrati bħala daww kollaħ taħt l-età ta' 18-il sena.

1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

L-età minima biex attur ikun jista' jressaq kawża quddiem il-qorti f'ismu stess fi Spanja hija ta' 18-il sena.

Huma biss il-minuri emanċipati li jistgħu jressqu talba f'isimhom stess. B'mod ġenerali, l-emanċipazzjoni tintlaħaq fl-età ta' 18-il sena, jew fl-età ta' 16-il sena permezz ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja, awtorizzazzjoni tal-ġenituri jew żwieġ. F'xi reġjuni, l-emanċipazzjoni tista' tinkiseb fl-età ta' 14-il sena.

L-età minima tar-responsabbiltà kriminali fi Spanja hija ta' 14-il sena, skont il-Liġi li tirregola r-Responsabbiltà Kriminali tal-Minuri. Il-miżuri applikati għal persuni minuri taħt l-età minima tar-responsabbiltà kriminali (taħt l-14-il sena fi Spanja) huma volontarji jew jaqgħu taħt il-qasam tat-tqegħid f'kustodja.

2. Aċċess għal proċedimenti adattati

Il-Qrati tal-Minorenni: qrati speċjalizzati msejħa "*Juzgados de menores*" jismgħu kawżi li jikkonċernaw reati u reati zġħar kommessi minn persuni fl-età ta' bejn 14-il sena u inqas minn 18-il sena f'konformità mal-Liġi Organika 5/2000, tat-12 ta' Jannar, li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri. Il-proċedimenti kriminali kontra trażgressuri minuri jitmexxew minn maġistrati/prosekuturi speċjalizzati.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (PPO) huwa responsabbli biex jiddefendi d-drittijiet tal-minuri rikonoxxuti bil-liġi. Il-miżuri li jistgħu jittieħdu kontra trażgressuri minorenni fl-età ta' bejn l-14 u t-18-il sena huma miġbura f'liġi speċifika (il-Liġi Organika 5/2000, tat-12 ta' Jannar, li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri).

Meta l-awtur ikollu inqas minn erbatax-il sena, il-Liġi Organika msemmija li tirregola r-responsabbiltà kriminali tal-minuri ma tiġix applikata, iżda minflok jiġu applikati l-artikoli speċifiċi tal-Kodiċi Ċivili u l-bqija tar-regolament attwali.

F'kawżi li jinvolvu persuni minuri bħala vittmi jew xhieda, li jiġu ttrattati minn qrati regolari, jiġu pprovduti salvagwardji speċifiċi mil-liġi skont l-età tal-minuri, pereżempju, id-depożizzjonijiet tal-aktar tfal vulnerabbli jsiru lil psikologu speċjalizzat u jiġu rreġistrati biex jiġi evitat li jiġu ripetuti fil-qorti u, fi kwalunkwe każ, dan jevita konfrontazzjoni viżwali bejn il-minuri u l-allegat awtur.

Il-ġustizzja ċivili: Il-Qrati Ċivili Ordinarji (*Juzgados de Primera Instancia*) jitrattaw it-talbiet tal-minuri skont il-liġijiet proċedurali ċivili, minbarra li hemm qrati ċivili speċjalizzati li jitrattaw esklussivament il-materji familjari, imsejħa Qrati tal-Familja (*Juzgados de Familia*).

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa intitolat li jipparteċipa fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili li fihom ikunu involuti persuni minuri jew persuni b'diżabbiltà, sakemm jinħatar kustodju għalihom.

Għalkemm il-persuni minuri ġeneralment ma jkollhomx il-kapaċità li jibdew proċedimenti ċivili huma stess, l-Att jistabbilixxi li fejn miżura tista' taffettwa l-interessi tagħhom u meta jkollhom maturità suffiċjenti, huma għandhom jinSTEMGħU u, fi kwalunkwe każ, meta jkollhom 12-il sena jew aktar jinSTEMGħU dejjem.

Fir-rigward ta' separazzjoni jew divorzju, matul il-proċedimenti, il-qorti għandha dejjem tqis l-aħjar interessi tal-minuri.

Dawn li ġejjin huma proċedimenti amministrattivi li jinvolvu persuni minuri: il-protezzjoni ta' minuri, l-adozzjonijiet, l-ażil, il-migrazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sanzjonijiet amministrattivi.

3. Il-miżuri legali u ta' politika sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri

B'mod ġenerali u għall-ġurisdizzjonijiet kollha, sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċedimenti li jinvolvu persuni minuri, il-Liġi Organika 1/1996 tal-15 ta' Jannar dwar il-Protezzjoni Legali tal-Minuri (LOPJM) tiddikjara li, fil-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, id-dehra jew is-smiġħ ta' persuni minuri jingħataw prijorità u jitmexxew b'mod li jkun xieraq għas-sitwazzjoni u l-iżvilupp evoluzzjonarju tagħhom, bl-għajnuna, jekk ikun meħtieġ, ta' professjonisti kkwalfikati jew esperti, li jippreservaw il-privatezza tagħhom u jużaw lingwaġġ li jinftehem minnhom, f'formati aċċessibbli u adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom, filwaqt li jinfurmawhom kemm bil-kontenut tal-mistoqsijiet kif ukoll bil-konsegwenzi tal-opinjoni tagħhom, b'rispett sħiħ għas-salvagwardji proċedurali kollha.

Kawżi kriminali; il-miżuri legali u ta' politika fis-seħħ ivarjaw skont iċ-ċirkostanzi: persuna minuri bħala vittma u persuna minuri bħala trażgressur.

Il-ġustizzja ċivili: ir-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-qorti timponi miżura ta' prekawżjoni. Bħala regola ġenerali, il-persuni minuri ma jistgħux jitolbu lill-qorti tordna miżuri ta' prekawżjoni f'isimhom stess u jeħtieġu l-assistenza tar-rappreżentanti legali tagħhom.

Meta persuni minuri jkunu involuti fi proċedimenti tal-familja, ġeneralment jittieħdu miżuri ta' prekawżjoni qabel is-sentenza, fl-aħjar interess tal-minuri affettwati, bħall-kustodja, l-ikel, l-aċċess, il-miżuri ta' appoġġ finanzjarju, eċċ.

4. Il-mekkaniżmi u l-proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal u l-aħjar interessi tal-minuri

Il-leġiżlazzjoni Spanjola fiha xi dispożizzjonijiet importanti li jsaħħu l-miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-minuri u huwa stabbilit qafas legali xieraq li jikkonċerna *persuni minuri barranin*, li jirrikonoxxi, għal daww li jinsabu fi Spanja u irrispettivament mill-istatus amministrattiv tagħhom, id-drittijiet tagħhom għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi soċjali taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-minuri Spanjoli. B'rabta *mal-minuri protetti minn Entitajiet Pubbliċi*, ir-rikonoxximent tal-istatus assigurat tagħhom fir-rigward tal-assistenza għall-kura tas-saħħa jsir *ex officio*.

L-awtoritajiet pubbliċi huma obligati jiżguraw li l-gruppi vulnerabbli, bħal minuri mhux akkumpanjati, daww li jippreżentaw ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali, tfal b'diżabbiltà u daww li huma vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali, pornografija tat-tfal, traffikar ta' bnedmin, jiġu protetti, kif ukoll jiżguraw li d-drittijiet previsti mil-liġi jkunu ġew osservati.

L-LOPJM tiddikjara, bħala prinċipju gwida ta' azzjoni amministrattiva, il-protezzjoni tal-minuri kontra kull forma ta' vjolenza, inkluża waħda li ssir fl-ambjent tal-familja tagħhom, il-vjolenza sessista, it-traffikar tal-bnedmin u l-utilizzazzjoni ġenitali femminili, fost l-oħrajn. Il-protezzjoni ta' minuri vittmi ta' vjolenza domestika hija wieħed mill-pilastru tal-Liġi l-ġdida dwar il-protezzjoni tal-minuri u tal-adoloxxenti ppubblikata fit-28 ta' Lulju 2015.

L-Uffiċċji ta' Assistenza għall-Vittmi, bħala unitajiet dipendenti fuq il-Ministeru tal-Ġustizzja jew fuq il-Komunitajiet Awtonomi, assumew kompetenzi fis-suġġett. Dawn l-uffiċċji jagħmlu valutazzjoni individwali tal-vittmi biex jidentifikaw il-ħtiġijiet speċjali tagħhom għall-protezzjoni, u jassistu lill-vittma fl-oqsma legali, psikoloġiċi u soċjali, bl-għan li jimminimizzaw il-vittimizazzjoni primarja u jevitaw dik sekondarja. Jiġu pprovduti servizzi speċifiċi ta' manteniment għat-tfal.

Fir-rigward tal-involviment tal-minuri fi proċedimenti ġudizzjarji; il-leġiżlazzjoni Spanjola tirrikonoxxi d-dritt li l-minuri jinSTEMGħU fi kwalunkwe kawża, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-età, diżabbiltà jew kwalunkwe ċirkostanza oħra, kemm fil-proċedimenti tal-familja kif ukoll fi kwalunkwe proċediment

amministrattiv, ġudizzjarju jew ta' medjazzjoni li jkun affettwat u li jwassal għal deċiżjoni li taffettwa l-isfera personali, familjari jew soċjali tagħhom, b' kunsiderazzjoni xierqa għall-fehmiet tagħhom, skont l-età u l-maturità tagħhom. Għalhekk, il-persuna minuri trid tirċievi l-informazzjoni li tippermetti l-eżerċizzju ta' dan id-dritt b'lingwaġġ li jinftehem u f'formati sempliċi adattati għaċ-ċirkostanzi tagħhom.

Billi l-prinċipju tal-"aħjar interess tal-minuri" kien prijorità, meta wieħed iqis: dritt sostantiv, prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni u bħala regola ta' proċedura; Il-leġiżlazzjoni Spanjola (LOPJM) tesiġi li għandha tiġi adottata kwalunkwe miżura fl-interess tal-minuri u li din tissalvagwardja b'mod speċjali l-protezzjoni tal-privatezza tal-minuri.

L-idea ġenerali hija li l-aħjar interess ta' kull persuna minuri għandu jiġi evalwat u ddeterminat individwalment għal kull persuna minuri, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha li jikkonċernawha.

Id-definizzjoni u l-kriterji li jiddeterminaw l-aħjar interessi tal-minuri huma regolati u spjegati fid-dettall fl-Art. 2 tal-LOPJM.

5. Il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Persuna minuri bħala trażgressur: L-għan aħħari tar-regolamenti kriminali għall-minuri huwa li dawn jerġgħu jiddaħħlu fis-soċjetà. Dan l-inseriment mill-ġdid irid ikun iffaċilitat permezz ta' miżuri edukattivi u persunal speċjalizzat. L-għoti ta' ġustizzja favur il-persuni minuri wara proċedimenti ġudizzjarji huwa fil-biċċa l-kbira kompetenza tal-Komunitajiet Awtonomi li għandhom ir-responsabbiltà primarja fir-rigward ta' dawk il-miżuri ta' riabilitazzjoni meħtieġa, is-servizz komunitarju jew l-edukazzjoni.

Persuna minuri bħala vittma: Il-persuni minuri li huma vittmi ta' reati kriminali jingħataw servizzi soċjali adattati għall-każ partikolari tagħhom.

Il-Ġustizzja Ċivili:

Il-persuni minuri jistgħu jkunu partijiet fi proċedimenti ġudizzjarji ċivili u, għalhekk, kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja tiġi kkomunikata lilhom u huma jistgħu jitolbu l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti, permezz tar-rappreżentanti legali tagħhom (minħabba li huma ma għandhomx il-kapaċità ġuridika biex jaġixxu), sakemm ma jkunux emanċipati.

Bħala konvenut: Il-persuni minuri jistgħu jkunu responsabbli għall-ksur ta' kuntratti magħmula minnhom, filwaqt li jkunu responsabbli għall-proprietà tagħhom stess.

6. Aċċess għar-rimedji

Huwa importanti li wieħed jinnota li, skont il-liġi Spanjola, l-aċċess tar-reġim għar-riżorsi, bħal miżuri li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-minuri f'każ ta' kunflitt ta' interess mal-ġenituri tagħhom, huwa l-istess fil-ġurisdizzjonijiet kollha.

Il-Ġustizzja Kriminali:

Rikors fil-każ ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni: Hemm qafas ġuridiku wiesa' ħafna għall-protezzjoni tal-vittmi taħt l-età fi Spanja, il-Liġi 4/15.

Il-persuni minuri kollha huma intitolati li jirċievu informazzjoni, li jiffi kawża, li jressqu appell legali jew li jkollhom mekkaniżmi ta' sfharrig ġudizzjarju, kif ukoll li jitolbu kumpens għad-danni jew kumpens matul jew wara l-proċedimenti kriminali li fihom il-persuna minuri kienet vittma. Kwalunkwe persuna minuri b' nuqqas ta' riżorsi tkun irrikonoxxiet id-dritt għal assistenza legali mingħajr ħlas.

Il-Ġustizzja Ċivili:

Sabiex tiddefendi d-drittijiet u l-garanziji tagħha, il-persuna minuri tista':

Titlob il-protezzjoni u l-kustodja tal-entità pubblika kompetenti

Tinforma lill-prosekutur pubbliku dwar is-sitwazzjonijiet

Tressaq ilmenti quddiem l-Ombudsman

Titlob ir-riżorsi soċjali disponibbli tal-amministrazzjonijiet pubbliċi

Titlob assistenza legali u l-ħatra ta' difensur ġudizzjarju

Tressaq ilmenti individwali quddiem il-Kumitat għad-Drittijiet tal-Minuri.

Fil-każ ta' kunflitt ta' interess, il-liġi tipprevedi l-ħatra ta' kustodju ġudizzjarju.

Fil-qrati ċivili tista' tiġi fformulata oppożizzjoni għal deċiżjonijiet amministrattivi li jirrigwardjaw il-protezzjoni tal-minuri.

[Ġustizzja favur il-persuni minuri fi Spanja\(606 Kb\)](#)  (606 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 17/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.